**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Ernest Grech *noe*

*versus*

Anthony Borg

**Sentenza - Difett fis - Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat sentenza ta' l-Ewwel Qorti minħabba kemm difett fil-forma kif ukoll għaliex kienet ibbażata fuq fatti li ma kinux effettivament seħħew.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar, 1996, fil-kawża fl-ismijiet premessi li kienet tgħid hekk:

"Il-Qorti:-

Meta ssejħet il-kawża deher Dr. Joseph M. Ciappara għall-konvenut, Dr. Edward Debono għall-attur *nomine* msejjaħ tliet darbiet ma deherx;

Peress li jidher illi l-partijiet ilhom żmien twil li ttransiġew il-meritu tal-kawża u jonqos biss li jiġi deċiż il-kap ta' l-ispejjeż u peress li jidher illi l-kawża ġiet transatta billi l-konvenut xtara l-proprjetà li kienet meritu tal-kawża, u peress li jidher li l-partijiet m'għandhom l-ebda nteress għar-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż, il-Qorti tiddeċidi *arbitrio boni viri* li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet";

L-attur *nomine* ntavola appell bl-aggravji li fil-fatt il-verbal li għamlet l-Ewwel Qorti tal-15 ta' Jannar, 1996, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sentenza a tenur ta' l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fis-"sentenza" tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għalkemm tat xi raġunijiet, m'għamlitx referenza għall-proċeduri, it-talbiet ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut skond kif jistipula l-imsemmi artikolu;

Illi għalhekk din is-sentenza hi waħda nulla u bla effett legali in vista tal-fatt li ma tikkontjenix fil-korp tagħha dak li hemm previst fl-imsemmi artikolu 218;

Illi inoltre, l-Ewwel Qorti waslet għad- "deċiżjoni" tagħha fuq premessi żbaljati, mhux minnu li l-meritu tal-kawża kien ġie transatt mill-partijiet u għalhekk ċertament ma kienx il-każ li tittieħed deċiżjoni dwar il-kap ta' l-ispejjeż. Dan apparti l-fatt li mkien fil-proċess ma jirriżulta li l-partijiet kienu waslu għal xi forma ta' transazzjoni;

Għaldaqstant l-attur *nomine* talab li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara s-sentenza tal-15 ta' Jannar, 1996, kontenuta fil-verbal tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bħala nulla u bla effett legali u, f'każ li l-istess sentenza ma tiġix dikjarata minn din il-Qorti nulla u bla effett, tirrevoka l-istess sentenza peress li hija bbażata fuq informazzjoni skorretta u terġa' tirrinvijaha lill-Ewwel Qorti sabiex tiġi ttrattata u finalment deċiża:

L-appellat konvenut wieġeb:

"Illi l-ewwelnett il-verbal, għalkemm iċċitat korrettement mill-appellant, ma jirriflettix b'mod fidil dak li ġara fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 1996. Infatti, l-avukat sottoskritt spjega lill-Qorti li l-interess fil-kawża deher li kien qed imajna, stante li

kienet marret *sine die* diversi drabi u li hu kien ġie nfurmat mill-konvenut li kien sar kuntratt bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri tal-21 ta' Ottubru, 1992, fejn il-konvenut xtara u akkwista mingħand l-attur *nomine* l-proprjetà meritu tal-kawża;

Illi l-avukat sottoskritt talab diferiment biex jipproduċi kopja legali tal-kuntratt imsemmi u sadanittant il-partijiet jaraw kif ser jaslu dwar il-kap ta' l-ispejjeż;

Illi għalhekk mhux minnu li l-Ewwel Qorti ngħatat informazzjoni skorretta. Ġiet biss infurmata biċ-ċirkostanzi kif kien jafhom l-avukat sottoskritt li m'għamel l-ebda pressjoni fuqha biex tasal għal xi deċiżjoni. Anzi, kif jistgħu jaffermaw xi avukati li kienu preżenti fl-awla u li jistgħu jiġu identifikati, l-avukat sottoskritt intervjena bis-suġġeriment li kien ikun aħjar li l-Qorti tisma' ukoll l-avukat tal-parti l-oħra;

Għaldaqstant, jekk stess l-Ewwel Qorti għaġġlet wisq u b'hekk saret xi rregolarità l-appellat m'għandu qatt jeħel bl-ispejjeż";

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Jirriżulta mill-atti stess li wara li l-kawża in eżami għamlet żmien konsiderevoli tistenna l-preżentata ta' rapport peritali mill-espert ġudizzjarju, l-Ewwel Qorti ġiet mogħtija x'tifhem li fil-mori tal-kawża l-meritu kien ġie tranżatt u li kull ma kien għad baqa' pendenti kien il-kap ta' l-ispejjeż. Jidher li l-Ewwel Qorti, mingħajr ma stenniet l-adeżjoni taż-żewġ naħat, għaddiet biex, skond ma ddikjarat hi espressament, iddeċidiet *arbitrio boni viri* l-kap ta' l-ispejjeż;

L-appellant attur *nomine* qiegħed jappella kemm ...minħabba difett ta' forma fis- "sentenza" mogħtija li timporta n-nullità tagħha, kif ukoll il-għaliex din hija msejsa fuq premessa ta' fatt żbaljat - dik prinċipalment li ma kienx minnu li kienet seħħet transazzjoni f'dan il-każ kif ġie premess mill-Ewwel Qorti;

Dwar l-ewwel aggravju, *ictu oculi* jidher biċ-ċar li l-forma rikjesta *ad validitatem* mill-artikolu 218 tal-Kap. 12 ma ġietx rispettata. Is-sentenza appellata għandha aktar minn natura ta' digriet milli deċiżjoni formali, ankorkè limitata għall-kap ta' l-ispejjeż. Jidher ovvju li darba li l-Ewwel Qorti ffurmat l-idea - li wara rriżultat li ma kinitx korretta - li l-meritu kien ilu li ġie transatt żmien qabel, ma kellha xejn aktar x'tagħmel ħlief li taqta' l-kawża mill-iktar fis u darba għal dejjem u dan tagħmlu billi tiddeċidi dwar il-kap ta' l-ispejjeż fl-aħjar ġudizzju tagħha. Dan magħdud, però, xorta waħda tibqa' l-ħtieġa li fil-korp tas-sentenza jkun hemm rifless dwar x'hiex kienet il-vertenza u l-opposizzjoni eċċepita mill-kontroparti;

Illi minbarra dan, l-appellat konvenut irrisponda għall-aggravju ta' l-appellant billi jistqarr li huwa kien issuġġerixxa lill-Ewwel Qorti biex qabel ma tgħaddi biex tiddeċidi dwar il-kap ta' l-ispejjeż, ikun aħjar li kopja formali ta' l-allegat kuntratt notarili msemmi minnu jiġi esebit bħala prova li kien tassew seħħ ftehim aħħari bejn il-kontendenti. Jidher invece li, erronjament, l-Ewwel Qorti ppreferiet tieħu t-tagħrif mogħti u mgħoddi lilha bħala wieħed rispekkjanti l-istat reali tal-fatti meta dan ma kienx hekk tabilħaqq;

Illi mis-suespost jidher ferm evidenti li l-aggravji ta' l-appellant *nomine* huma fondati u li s- "sentenza" mogħtija, fiċ-ċirkostanzi, hija waħda nulla kemm minħabba difett ta' forma u kemm għaliex hija bbażata fuq fatti li lanqas kienu effettivament seħħew;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi filwaqt li tilqa' l-appell ta' l-attur *nomine*, tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata kif mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar, 1996, fil-kawża fl-ismijiet premessi, b'dan li għall-istess raġuni tibgħat lura l-atti mill-ġdid quddiem l-istess Qorti biex tiddeċidi l-kawża skond il-liġi wara li jkunu ġew konklużi l-provi kollha, u b'dan ukoll il-kap ta' l-ispejjeż jiġi sopportat bin-nofs bejn il-kontendenti in kawża.